KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

7 ta' Dicembru 2009

**Minuti tas-Sebgha u Tletin (37) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sebgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru 2009 fis-5.45pm.**

Is-Sebgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u tar-Rapport Finanzjarju sal-30/09/09
5. Zvilupp fuq l-bini tal-Istitut Kattoliku (PA3727/09)
6. Kuntratt ta' Patching/Resurfacing
7. Mewġa ta' Vandaliżmu
8. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
9. Kantata: "Ħodon Fjuri lil San Publju"
10. Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna
11. Għażla tal-Offerti : -
    i. KLF /T/05/09 - Tindif u Zamma tas-soft Areas
    ii. KLF /T/06/09 - Tindif tal-Gonna u tal-latrini pubblici
    iii. KLF /T/07/09 - Drittijiet esklussivi ghall-bejgh ta' ikel u xorb matul ic-celebrazzjonijiet ta' Lejlet L-ewwel tas-Sena
    iv. KLF /T/08/09 – Provvista u Twahhil ta' Display bid-dawl tat-triq
    v. KLF/Q/20/09 – Stampar ta' Stationery tal-Kunsill
12. L-emendi tal-ligi fl-isem tal-lokalita'
13 Abbuż ta' droga fil-Floriana
14. Il-mina tal-ferrovija
15. Hwejjeg Ohra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-Sebgha u Tletin (37) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Il-Kunsillier Brian Zammit kien assenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sitta u tletin (36) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:
Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonjiet: 0

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Alfred Briffa li talab rikompens finanzjarju ghal xi spejjez li kien ghamel fis-*soft area* ta' hdejn l-AGFA meta din kienet ghadha taqa' taht idejh. Il-Kunsill qabel li ghandu jnaqqas l-ammont ta' din l-ispiza mill-ammont dovut mis-Sur Briffa lill-Kunsill Lokali Floriana, jigifieri meta l-Kunsill kien nehha l-affarijiet personali tieghu mis-soft area.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Animal Rights Group li talbu xelters ghaz-zwiemel quddiem il-Valletta Waterfront, vit ta' l-ilma niex jisqu liz-zwiemel kif ukoll bins ghall-hmieg taz-zwiemel. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel pressjoni mal-awtoritajiet dwar l-ewwel zewg talbiet filwaqt li l-Kunsill ghandu jipprocedi u jitlob kwotazzjonijiet ghall-bins.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq is-suggeriment tas-Sur Joe Camilleri li ssuggerixxa li l-Kunsill jaghmel dwal ahjar fit-*tennis court* tal-Floriana. Il-Kunsill qabel mal-principju u ghandu jiltaqa' mas-Sur Camilleri biex dan is-suggeriment jigi diskuss f'iktar dettal.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bis-suggeriment li hareg fil-laqgha tal-Kunsill Lokali tat-Tfal fejn gibdu l-attenzjoni biex isir pitch sintetiku. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titnizzel fl-agenda tal-laqgha li jmiss.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar il-Youth Exchange giet approvata mill-Italja izda rifjutata mill-agenzija EUPA (Malta) u ghalhekk, din l-applikazzjoni ma gietx approvata.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iScout Association of Malta fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill biex isiru dwal kif ukoll bankina fuq iz-zewg nahat ta' quddiem l-entratura tal-bini taghhom. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol tal-bankina jidhol fil-progett li l-Kunsill kien ippropona lill-Gvern bhala joint venture biex tinbidel il-bankina bejn Triq Sant'Anna u d-dar tal-anzjani. Fir-rigward tal-apparat tad-dawl u l-provvista tieghu, dan ghandu jigi ipprovdut mill-iScouts.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Amateur F.C. fejn talbu l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex ghal sena ohra jarmaw Triq il-Konservatorju, Triq l-Iljun u Triq l-Argotti. Il-Kunsill approva li jhallas il-kiri tal-kaxxa tal-meter temporajna kif ukoll tal-applikazzjoni lill-Enemalta u l-konsum biex jinghata provvista tad-dawl temporanju.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx sema' xi haga dwar it-tnehhija tal-monument Vilhena mill-Floriana. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li meta staqsa lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said, dan sostna li ma kien jaf xejn dwar dan. Is-Sindku Nigel Holland kompla li l-Kunsill jaghmel minn kollox biex il-monument jibqa' fil-Floriana f'kaz li din l-informazzjoni tkun reali.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lis-Sindku dwar jekk il-Kunsill kienx inghata risposta mill-Kummissjonali Nazzjonali ghall-Persuni b'Dizabbilita' dwar il-planters. Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill ma kienx ghadu inghata risposta dwar dan u li hemm bzonn li l-Kunsill jiehu decizjoni dwar il-policy tal-Kunsill rigward it-tpoggija ta' bollards u planters fuq il-bankini.

Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-bollards, il-planters u affarijiet ohra li huma t'ostaklu fuq il-bankini jitnehhew minhabba li dawn huma kontra l-ligi dwar l-accessibilita'. Peress li hadd mill-Kunsilliera ma ssekonda din il-mozzjoni, din giet meqjusa bhala nulla.

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet kontro-mozzjoni biex il-Kunsill jibqa' ghaddej bil-politika tieghu li fejn ikun hemm il-htiega, jsiru planters jew bollards wara li dawn ikunu gew approvati mill-Kunsill. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (SSH, ET)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 1 (FD)

3.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lis-Sindku dwar l-istadju tal-bankina ta' Triq San Tumas. Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien kellem lill-kuntrattur dwar dan u li ghandu jiltaqa' mieghu biex jaraw kif jista' jsir ix-xoghol.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u tar-Rapport Finanzjarju sal-30/09/09

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **32-05 A, B, C** li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8101 sa 8115.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8059 sa 8115, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, SSH, FD, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Franco Davies, mill-Kunsillier Edward Torpiano u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**F'dan l-istadju tal-laqgha il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Finanzi sabiex jiddiskuti r-rapport**

**finanzjarju tas-sitt xhur bejn 01/04/09 u 30/09/09.**

4.5 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju tas-sitt xhur li jaghlaq fit-30 ta' Settembru 2009, u wara li dan gie diskuss, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju, bir-rizultat ikun:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 5.0 Zvilupp fuq l-bini tal-Istitut Kattoliku (PA3727/09)

5.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-applikazzjoni ta' zvilupp fuq il-bini tal-Istitut Kattoliku biex jizdied sular iehor fuq il-bini ezistenti u li gie mitlub mill-Kunsilliera Sammut Hili biex din il-materja tigi diskussa fil-Kunsill peress li l-Kunsill ma oggezzjonax ghal din l-applikazzjoni.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li l-Kunsill ma oggezzjonax ghaliex din ma tmurx kontra xi policy tal-Kunsill u ghaliex il-konsulent tal-Kunsill ma sab xejn kontra dan l-izvilupp.

5.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet l-oggezzjonijiet taghha minhabba li fil-fehma taghha iz-zieda ta' aktar ufficcini fil-Floriana ser tkompli tkabbar il-problema ta' parkegg specjalment jekk dan is-sular il-gdid jibda' jintuza' ghal ufficini jew klassijiet fejn jinghataw il-korsijiet.

5.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni biex il-Kunsill iressaq oggezzjoni ghal din il-proposta fil-bini tal-Istitut Kattoliku izda peress li ma kien hemm l-ebda sekondant din il-mozzjoni giet meqjusa bhala nulla.

## 6.0 Kuntratt ta' Patching/Resurfacing

6.1 Is-Sindku Nigel Holland rega' ghamel referenza ghas-sitwazzjoni tal-Kunsill rigward ix-xoghol ta' patching/resurfacing fejn dan ix-xoghol baqa' ma bediex.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-perit tal-kuntrattur, il-Perit Cachia informah li l-problema kienet gejja mill-Awtorita' tat-Trasport minhabba li dawn kienu ghadhom ma hargux il-permessi necessarji lill-kuntrattur u ghalhekk ix-xoghol ma setax jibda'.

6.3 Il-Kunsill qabel nem.con biex javvicina lill-Awtorita' tat-Trasport biex tikkonferma din l-informazzjoni moghtija mill-kuntrattur u f'kaz li l-permessi ma johorgux mill-ADT, il-Kunsill ghandu johrog stqarrija stampa lil-media dwar din is-sitwazzjoni.

## 7.0 Mewġa ta' Vandaliżmu

7.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kellu laqgha mal-Pulizija minhabba l-ammont kbir ta' vandalizmu li l-lokalita' tal-Floriana qed issofri.

7.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jinforma lill-Kunsill li huwa talab lill-Pulzijafejn talab li jkun hemm iktar patrols u infurzar tal-ligi biex tkun tista' titnaqqas din il-mewga ta' vandalizmu.

7.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghas-sejba ta' zewgt iklieb li nstabu f'kamra fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V nhar il-Hadd 15 ta' Novembru 2009. Waqt id-diskussjoni, gie zviluppat il-fatt li l-Pulizija jumejn qabel dan il-kaz obbligaw xi nies biex inehhu zewgt iklieb minn kamra fi Gnien Vilhena u li ghaldaqstant jista' jaghti l-kaz li l-klieb li instabu fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V huma l-istess klieb u li f'dak il-kaz il-Pulizija jafu minn huma s-sidien tal-klieb.

7.4 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-Kunsill ghandu jinsisti mal-Pulizija li jekk inhu minnu li jafu ta' min huma l-klieb li nstabu fil-kamra tal-KGV, il-Pulizija ghandha tiehu l-passi necessarji u tressaq lill-persuna responsabbli.

7.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li bejn il-lejl tal-Hadd 15 ta' Novembru 2009 u t-Tnejn 16 ta' Novembru 2009, kien sar ukoll att ta' vandalizmu fl-iskola sekondarja Profs Kurunell Lorenzo Manche' (Ospizio).

7.6 Il-Kunsill qabel nem.con li jekk din il-mewga ta' vandalizmu tibqa' tippersisti ruhha minghajr ma jkun hemm sforz rejali min-naha tal-Pulizija biex din il-problema tigi indirizzata, ghandu johrog stqarrija stampa.

**Nota: 19:05 f'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsill irrisolva ruhu f'kumitat tal-bord tal-ghazla tal-offerti sabiex jiddiskuti l-ghazla tal-offerti.**

## 8.0 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

8.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-gurnata li fiha tigi ccelebrata l-festa tal-patrun furjaniz San Publju tas-sena d-diehla ser tigi posposta b'gimgha minhabba li iz-zjara tal-Qdusija Tieghu il-Papa f'Malta.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex jsiru xi modifiki f'uhud mir-regoli tas-sotto kumitati, eskluz il-Kunsill Lokali tat-Tfal, fejn il-Kunsill ghandu jinforza attendenza obbligatorja ghal mhux inqas minn terz tal-laqghat li jsiru f'sitt xhur bhalma hemm fil-ligi tal-Kunsilli Lokali ghall-attendenza tal-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel nem.con.

8.3 Is-Sindku Nigel Holland propona wkoll li minn Settembru tas-sena 2010, kull sotto kumitat irid ikun obbligat jaghmel elezzjoni interna ghall-konferma tal-karigi biex ma jkunx hemm telf t'interess fil-membri. Bhal fil-bidla msemmija f'materja no. 8.2, il-Kunsill Lokali tat-Tfal huwa ezentat minn din ir-regola.

8.4 Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsill biex il-hidma fuq il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat tibda' minn issa biex jibdew jinsabu l-isponsors ghall-edizzjoni li jmiss. Intant ghandhom jinhargu l-applikazzjonijiet ghall-kmamar tan-nar biex jippartecipaw fil-Festival tas-sena 2010.

## 9.0 Kantata: "Ħodon Fjuri lil San Publju"

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi spjega li gie infurmat mill-organizzaturi ta' din l-kantata bl-izball li kien sar mill-organizzaturi fil-kwotazzjoni li kienu taw lill-Kunsill u li giet ipprezentata fil-laqgha precedenti. It-total tal-ispiza hija ta' €2,190 + VAT li tikkonsisti fir-recording professjonali, is-solisti u l-kantanti. Ghal kull CD il-Kunsill ikun irid ihallas €4.30 li tinkludi CD, stampa fis-CD u l-kaxxa. F'kaz li s-CDs isiru ghand xi kumpanija ohra, ir-recording fee titla' minn

€300 +VAT ghal €500 +VAT.

**Nota: 19:40 Il-Kunsill issospenda l-laqgha biex iltaqa' mas-Sur Freddie Tonna dwar l-istess suggett.**

**Nota: 19:45 Il-laqgha tal-Kunsill Lokali kompliet.**

9.2 Il-Kunsill qabel fil-principju li jidhol ghal dan il-progett u jirrikordja b'mod professjonali din il-kantata, bil-patt li ghal kull spiza tigi pprovduta rcevuta fiskali u li jigu ezegwiti r-regolamenti finanzjarji.

## 10.0 Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna

10.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-fondi li possibilment jista' jigi moghti l-Kunsill mill-Gvent Centrali taht l-iskema ta' inizjattivi ta' attivitajiet mnedija mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said u s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Mario DeMarco.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta/konferma dwar jekk il-Kunsill hux ser jinghata fondi taht l-iskema msemmija f'10.1.

10.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-ispiza ghall-*mobile toilets* li ser jinkrew f'din l-attivita' ser tammona ghal €460.

10.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kumpanija Vodafone Malta irrifjutaw li jisponsorjaw parti mill-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna.

10.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb ittra bil-miktub lis-CMRU u jinformahom li l-Kunsill jixtieq li l-Banda tal-Pulizija tiehu sehem f'din l-attivita'.

10.6 Rigward l-ghazla tal-offerti tal-esklussivita' tal-bejgh tax-xorb u l-ikel f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena, il-Kunsill qabel nem.con li ghandu jibqa' jsostni l-pozizzjoni tieghu li l-kuntrattur maghzul ma jarmax quddiem il-hwienet li jinsabu fi Triq Sant'Anna u fi Pjazza Sant'Anna.

## 11.0 Għażla tal-Offerti : -

### 11.1 KLF/T/05/09 - Tindif u Zamma tas-soft Areas

11.1.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni tal-ELC fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 11.2 KLF/T/06/09 - Tindif tal-Gonna u tal-latrini pubblici

11.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni ta' Daniel Attard fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**11.3 KLF/T/07/09 - Drittijiet esklussivi ghall-bejgh ta' ikel u xorb matul ic-celebrazzjonijiet ta' Lejlet L-ewwel tas-Sena**

11.3.1 Il-Kunsill qabel nem.con li fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, ghandu tinghazel l-offerta ta Caroline Grech u Karl De Flavia sakemm dawn jikkonfermaw li accettaw il-pozizzjoni tal-istands tal-ikel li ppropona l-Kunsill.

**11.4 KLF/T/08/09 – Provvista u Twahhil ta' Display bid-dawl tat-triq**

11.4.1 Minhabba li ma kien hemm l-ebda offerta, il-Kunsill qabel li ghandu jerga' johrog sejha gdida ghall-offerti.

**11.5 KLF/Q/20/09 – Stampar ta' Stationery tal-Kunsill**

11.5.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni ta' Sky Press Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 12.0 L-Emendi tal-ligi fl-isem tal-lokalita'

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fil-laqgha li kellu mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said, dan kien ghadu konvint li l-emendi li saru fil-ligi dwar l-isem tal-lokalita' ta' Floriana kienu zball.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said issuggerixxa li jinstab xi kompromess permezz ta' Legal notice.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li hija ta' staghgib kif l-isem ta' lokalitajiet ohra bhal m'huma Paola (msemmija wara l-GranMastru De Paule) u Marsaskala, ma gewx mibdula ghall-ismijiet kollokjali taghhom Rahal Gdid u Wied il-Ghajn rispettivament u kif din il-bidla radikali saret biss fl-isem tal-lokalita' ta' Floriana.

12.4 Minhabba li l-Floriana hija l-unika lokalita' li kellha tibdil radikali f'isimha, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Floriana ma jaccetta l-ebda kompromess u l-Floriana ghandha tibqa' tissejjah biss bl-isem storiku taghha "Floriana", issekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 13.0 Abbuż ta' droga fil-Floriana

13.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha precedenti tal-Kunsill Lokali Floriana mizmuma nhar it-Tnejn 26 t'Ottubru 2009 fejn il-Kunsill kien iddiskuta is-sitwazzjoni tal-lokalita' fir-rigward tas-siringi li qeghdin jinstabu kullimkien.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland semma' xi ftit ezempji li jsiru f'pajjizi ohra biex tkun tista' tittaffa din il-problema, bhal per ezempju jsiru bins apposta ghad-dispozizzjoni tas-siringi li jitwahhlu fil-latrini pubblici, kif ukoll li jkun hemm procedura li ggieghel l-individwu jirritorna siringa biex ikun jista' jinghata ohra gdida.

13.3 Il-Kunsill Lokali Floriana qabel unanimament li ghandu jkompli jinsisti mal-awtoritajiet tas-Sahha u jissuggerixxi dawn is-soluzzjonijiet msemmija f'13.2 partikolarment dwar il-fatt li individwi ghandhom jinghataw siringa meta jkunu irritornaw ohra.

13.4 Il-Kunsill qabel nem.con ukoll li ghandu jigbor kwotazzjonjiet ghall-bins imsemmija hawn fuq, il-Kunsill ikun jista' jixtri u jwahhal dawn il-bins fil-latrini pubblici tal-Floriana.

## 14.0 Il-Mina tal-ferrovija

14.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li pogga din il-materja fuq l-agenda biex il-Kunsill ikun jista' jibda' jahseb fuqha.

14.2 Is-Sindku Nigel Holland spjega li din l-mina tinsab mitluqa izda hemm bzonn li tinghata aktar importanza u stieden lill-Kunsilliera biex f'kaz li jkollhom xi pjan partikolari ghal din il-mina ghandu jressaqha ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland semma wkoll li jista' jsir l-istazzjon tal-ferrovija kif kien qabel, jigifieri fi Gnien San Filippu.

## 15.0 Hwejjeg Ohra

15.1 Il-Kunsill Edward Torpiano informa lill-Kunsill li s-Sur Stephen Tonna kien tah rendikont tal-ispiza u tad-dhul tal-Florianafest kif ukoll tal-bilanc prezenti wara t-tmiem tal-attivita'.

15.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill bit-talba tal-Headmistress tal-Kullegg San Gorg Preca (Ospizio) ghal donazzjoni ta' kotba. Il-Kunsill qabel li minhabba l-emendi fil-ligi, il-Kunsill ghandu jinforma lill-Headmistress li l-Kunsill ma jistax jibqa' jaghti iktar donazzjonijiet kemm lill-ghaqdiet governattivi kif ukoll dawk non governattivi.

15.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li xi hadd kien sadd il-culvert li hemm fi Triq Pietro Floriani ma' Triq l-Imhazen bis-siment. Minhabba li dan irid jinfetah u din il-procedura ma taqax taht il-kompetenza tal-kuntrattur tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li ghandu jsib lil xi kuntrattur li ghandu l-makkinarju biex jaghmel dan ix-xoghol estensiv.

15.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lill-Kunsill jekk jistghux isiru speed bumps mal-gnub tas-salib li hemm fi Pjazza FX Fenech. Il-Kunsill approva nem.con.

15.5 Is-Sindku Nigel Holland staqsa lill-Kunsill dwar jekk kenitx twahhlet il-mera diskussa f'laqgha

precedenti fi Triq il-Kapuccini. Minhabba li din il-mera kienet twahhlet f'parti hazina ta' din l-istess triq, il-Kunsill qabel li ghandu jordna u jwahhal mera ohra fil-parti t-tajba kif ukoll ihalli l-mera ezistenti fejn hi.

15.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet avvicinata minn resident li talab *motorcycle bay* fi Triq San Frangisk. Il-Kunsill qabel nem.con li ghandu jaghmel kaxxa bajda ghall-muturi quddiem din ir-residenza li izda din ma sservix ta' reserved bay ghall-resident wiehed biss izda tkun tista' tintuza' minn kull min jigi bzonnha.

15.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili infurmat lill-Kunsill li l-fanal *central hanging* li hemm fi Triq l-Imhazen ma' Triq il-Miratur mhux qed taghti dawl sufficjenti u ghalhekk issuggeriet li ghandha tindbidel. Il-Kunsill approva nem.con.

15.8 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat ghamel riferenza ghat-televizjoni bil-hsara li jinsab fil-kamra tal-Kunsilliera u peress li l-ispiza hija konsiderevoli huwa ssuggerixxa li jinxtara sett tat-televizjoni liema spiza ma teccedix il-200Ewro. Il-Kunsill approva.

## **16.0 Aġġornament tal-laqgħa**

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 10 ta' Dicembru 2009 fis-17:45.

Il-laqgha ntemmet fid-20:45.

Nigel Holland<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv